MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2003

Avviz Numru. 28/1997/1

**Blye Engineering Co. Ltd**

**vs**

**Anthony Muscat u Josette mart l-istess Anthony Muscat**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li jhallsu lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija wiehed u tletin lira Maltin u tmintax il-centezmu (Lm831.18) bhala bilanc minn somma akbar dovuta ta' oggetti lill-konvenuti mibjugha u kkonsenjati skond l-"statement of account" (Dok A), il-"credit note" (Dok B) u l-

fattura 1156, 028, 154, 429, 521, 539, 163 u 660 (Dok C sa J) esebiti mal-avviz.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-27 t'Awissu 1996, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni. Kif ukoll id-dokumenti annessi mal-istess avviz a fol 2 sa fol 11 tal-istess atti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti u li biha eccepew (fol 17 ibid):-

Preliminarjament illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-merkanzija mibjugha lill-konvenut kienet difettuza u mhux tal-kwalita' pattwita, kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza;

In sussidju u minghajr pregudizzju ghas-suespost il-fatt illi x-xoghol li ghamlet is-socjeta' attrici lill-konvenuti ma kienx skond l-arti u s-sengha, kif jista' jigi wkoll konstatat minn periti nominandi, u gew kagunati danni konsiderevoli lill-konvenuti bhala risultat ta' dan.

Illi fil-fatt il-konvenuti ser jipprocedu rikonvenzjonalment kontra l-atturi.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-kontro talba (rikonvenzjoni) tal-istess konvenuti (a fol 18 ibid) u li biha wara li esponew illi jezistu r-rekwiziti kontemplati mill-Artikoli 396 et sequitur biex issir rikonvenzjoni mill-konvenuti u peress ili l-konvenuti fil-fatt jixtiequ jinqdew b'dawn il-proceduri sabiex jipproponi l-kontro-talba taghhom;

Illi s-socjeta attrici giet inkarigata biex tistalla "cold room" ghall-konvenuti;

Illi x-xoghol ma sarx skond l-arti u s-sengha, peress illi l-imsemmi "cold room" sa mill-bidu nett ma kienitx pjenament funzjonabbli u rrisultaw immedjatament serje ta' hsarat kbar li rrendew l-operat taghha kif suppost impossibli, kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza;

Illi dan l-agir da parti tas-socjeta attrici kkaguna danni lill-konvenuti, talbu sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha :

1) issib lill-atturi responsabbli tad-danni li gew ikkagunati lill-konvenuti;

2) tillikwida d-danni kkagunati lill-konvenuti;

3) tordna lis-socjeta' attrici thallas lill-konvenuti l-ammont ta' danni hekk likwidat.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici li r-rappresenanti legali taghha gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ghal finijiet ta' kompetenza jigi rilevat illi l-massimu ta' danni li qed jigu mitluba ma jeccedux l-elf lira Maltija.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta attrici ghall-istess kontrotalba u li biha eccepiet (fol 25 ibid):

1. Illi l-kontro-talba tal-konvenuti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjes ghaliex is-socjeta' attrici esegwiet l-appalt lilha moghti mill-konvenuti skond l-arti u s-sengha u ma kkawzat ebda danni lill-istess konvenuti. Jigi rilevat, kemm ghal dik li hi kredibilita' u kemm ghar-rigward tal-kap tal-ispejjes, li l-konvenuti qatt ma interpellaw lis-socjeta' attrici dwar xi ilmenti serji jew danni u, sahansitra, lanqas biss irrispondew ghall-ittra ufficjali tal-esponenti tas-27 t'Awissu 1996!

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet taghha (fol 33 ibid) u li bih gie nominat bhala espert tekniku, l-Inginier Charles Cuschieri.

Rat ir-relazzjoni tal-istess espert tekniku u dak kollu anness maghha.

Ikkunsidrat

Illi, kif jidher mill-atti tal-kawza, dan il-kaz hu wiehed altament tekniku u ghalhekk, gie nominat l-imsemmi espert tekniku li, da parti tieghu ssottometta r-relazzjoni annessa mal-atti minn fol 43 et seq.

Ikkunsidrat

Illi l-istess espert issottometta is-segwenti:

i) Il-materjal in kwistjoni kien inxtara fil-fatt, mill-konvenuti skond kif jidher mill-fatturi markati Dok C sa Dok J (fol 4 sa fol 11 tal-atti) liema materjal gie konsenjat lill-konvenuti u nzammu minnhom.

ii) Ma rrisultax li l-istess materjal kien b’xi mod difettuz jew li ma setax jintuza mill-istess konvenuti.

iii) Dwar il-“cold room” maghmula mis-socjeta attrici, din kienet giet istallata aktar minn sena’ u nofs qabel ma kien gie mixtri u konsenjat l-istess materjal li ma kienx intiz sabiex jigi rimpjazzat xi materjal difettuz.

iv) L-istess “cold room” kienet ghadha tiffunzjona tajjeb meta sar l-access mill-istess espert.

v) Id-difetti li seta’ kien hemm fl-istess “cold room” kienu “ ta’ natura minima” u ma kienux jaffettwaw l-operazzjoni u l-funzjonalita’ tal-istess “cold room”.

Ili, a basi tal-premess, gie sottomess, korrettament, li l-ammont pretiz fl-avviz kien u ghadu dovut mill-konvenuti.

Ghal dawn il-motivi, tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ Lm831.18,0 bl-imghaxijiet legali mis-27 ta’ Awissu 1996 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-27 ta’ Awissu 1996.

---------------------------------TMIEM---------------------------------